MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1890/2000/2

**Josef Grech**
**vs**
**Joanne Testa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: Illi huwa kien gharus lill-konvenuta liema gherusija giet imhassra mill-istess konvenuta ghall-ragunijiet attribwiti lilha u minghajr raguni valida fil-ligi; illi minhabba dan ir-resiliment ingust l-attur sofra danni kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-gherusija giet terminata unilateralment mill-konvenuta bl-ebda gusta kawza u ghall-htija attribwita lilha;
2. Tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta’ perit nominand;
4. Tikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.
5. Tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur ir-rigali kollha li huwa pprezenta lill-konvenuta matul il-perjodu tal-gherusija taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment u kwindi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu;
2. Jigi eccepit inoltre b’mod partikolari l-inkompetenza ta dina l-Qorti ratione valoris;
3. Jigi eccepit inoltre li ma kienet tezisti ebda relazzjoni ta gherusija bejn il-kontendenti la fuq bazi fattwali u wisq anqas fuq bazi legali u konsegwentement ghalhekk it-talbiet tal-attur kif dedotti ma humiex proponibbli u wisq anqas ghalhekk jistghu jigu milqugha;
4. Illi bhala fatt, l-attur ma sofra ebda danni mit-thassir tar-relazzjoni li kellhom la dawk ta natura morali u wisq anqas ta natura materjali;
5. Illi r-rigali li nghataw imsemmija fic-citazzjoni kienu in kontemplazzjoni ta okkazzjonijiet partikolari bhal gheluq iz-zmien u l-Milied u mhux in kontemplazzjoni ta xi eventwali zwieg;
6. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-attur li minn issa qed jigi ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-30 ta’ Jannar 2001 li permezz tieghu l-konvenuta rtirat it-tieni eccezzjoni [fol.13].
Semghet provi bil-gurament;
Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsiderat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-assiem tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-Lulju tas-sena 1998 il-partijiet bdew johorgu flimkien, u ftit wara ddecidew li jibqghu johorgu flimkien bi skop ta’ zwieg. Irrizulta wkoll li sussegwentement daru xi postijiet bil-ghan li jixtru d-dar konjugali, u anke xtraw affarijiet tad-dar bejniethom. Di fatti huma kienu ordnaw fridge u cooker u bdew ihallsu l-installments flimkien. Xtraw ukoll domestic appliances ohra u li kienet izzommhom il-konvenuta. Sussegwentement ir-relazzjoni ta’ bejniethom qraset u, filwaqt li l-attur beda jilmenta li l-konvenuta kienet qeda tibret fil-konfront tieghu, il-konvenuta bdiet tiddejjaq minhabba dak li hi ddeskriviet bhala indhil esagerat ta’ ommu u li l-attur beda juri li huwa ta’ karattru dghajjef u kien influwenzat hafna minn ommu. Jidher li wara l-incident li kien sehh quddiem il-bieb tal-konvenuta fejn terza persuna hebb ghall-attur u ghal missieru, l-konvenuta, ftit taz-zmien wara, ddecidiet li thassar ir-relazzjoni ta’ bejniethom li kienet ilha sejra sena u ghaxar xhur.

Illi matul dan il-perijodu z-zewg partijiet kienu skambjaw rigali lil xulxin; u jidher, li wara t-thassir tar-relazzjoni taghhom kienu ftehmu li jirritornawhom lura lil xulxin, izda stante li r-rigali li kienet tatu l-konvenuta kienu jikkonsistu fi hwejjeg hija riedet flus minflok il-hwejjeg li kienu uzati. L-attur irrifjuta bil-konsegwenza li hija zammet ir-rigali li kien taha konsistenti f’ oggetti tad-deheb.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel lok jigi osservat li l-azzjoni odjerna mhijex bazata fuq il-Ligi dwar il-Weghdiet taz-Zwieg [Kap.5], stante li ma jirrizultax li kien hemm ftehim fil-miktub, izda hija bazata fuq id-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Civili u senjatament l-Artikolu 1031 li jiddisponi li kull hadd

ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, u l-Artikolu 1125 billi huwa naqas li jesegwixxi l-obbligazzjoni li kkuntratta; kif ukoll l-Artikolu 1809.

Illi fit-tieni lok, kif osservat din il-Qorti fil-kawza ***Bernarda Caruana vs Giuseppe Borg [1952]***[1] biex l-azzjoni ghad-danni tirnexxi f' kazijiet bhal dawn jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: [1] l-esistenza ta' gherusija; [2] reziliment ingust da parti tal-konvenuta; u [3] danni materjali konsegwenza ta' dan ir-reziliment.

Illi fin-nota taghha, il-konvenuta eccepiet "li ma kienet tezisti ebda relazzjoni ta' gherusija bejn il-kontendenti la fuq bazi fattwali u wisq anqas fuq bazi legali"[2] Fi kliem iehor qed jigi konstestat l-ewwel element dak tal-esistenza tal-istat ta' gherusija.

*Esistenza ta' gherusija*
Illi in propositu, qed jigi osservat li l-gurisprudenza interpretattiva hija fis-sens li "biex jinghad li hemm gherusija mhux mehtieg li jkun hemm kuntratt formali ta' gherusija jew li jkun gie moghti c-curkett [bhala arrha sponsalia] jew li jkun hemm l-istipulazzjoni taz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-konjizzjoni jew il-kunsens tal-genituri. Dak li hu mehtieg hija l-kapacita' tal-partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija; u din il-kapacita' hija dik stess li wiehed jista' jikkuntratta z-zwieg".

Fil-kaz in disamina huwa pacifiku li ma kienx hemm kuntratt formali tal-gherusija, jew li l-partijiet skambjaw crieket tal-gherusija, jew sar xi riceviment ghal dan l-iskop specifiku; izda minn naha l-ohra rrizultaw provati diversi fatti li fil-fehma tal-Qorti necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni li bejn z-zewg partijiet kien hemm stat ta' gherusija. Hekk per ezempju il-fatt li l-partijiet kienu marru jaraw postijiet bl-iskop li jixtru d-dar konjugali; il-fatt li kienu xtraw bejniethom diversi oggetti biex jintuzaw waqt iz-zwieg b' mod partikolari l-fridge u cooker. Anke omm l-

[1] Vol.XXXVI.I.433
[2] Fol.8

attur kienet tat lill-konvenuta diversi oggetti li jintuzaw fil-kcina. Dawn l-oggetti jidher li kienu jinzammu ghand il-konvenuta. Ghalhekk, nonostante li fl-affidavit[3] taghha l-konvenuta sostniet li hi qatt ma hasset li kienet qeda f' relazzjoni ta' gharusa, il-fatti konkreti u sodisfacentement provati jsmentixxu din l-asserzjoni u juru l-kuntrarju. Ghaldaqstant dan l-element tal-esistenza tal-gherusija jirrizulta sodisfacentement provat; gia la darba wkoll ma rrizultatx l-inkapacita' li jikkontrattaw, da parti tal-partijiet.

*Reziliment ingust*

Illi in vena legali jigi osservat li "l-kawza gusta li taghtilok ghar-resiliment tal-gherusija ghandha tigi ravvista f' ostakolu jew impediment ta' natura gravi u jrid jkun fondat u imprevvidibbli …. *qualche cosa che mi avrebbe impedito di contrarli se l' avessi prevista [PA* ***John Caruana et vs Angiolino Cilia*** *[1964]*[4] "L-incident soppraggiunt irid ikun ta' gravita' konsiderevoli li jiskonfina fil-forza maggiore"[5]

Kif gie osservat fil-kawza ***Giuseppe Bellia vs Giuseppe Grech*** *[1958]*[6] guridikament il-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru proprju kuntratt bilaterali u ghalhekk wiehed mill-effetti tieghu huwa li ma jistax jithassar hlief bil-kunsens reciproku tal-partijiet u ghar-ragunijiet maghrufin fil-ligi [Art.992 Kap.16]. Ir-rizoluzzjoni ta' kuntratt hija haga serja u jista' jkollha konsegwenzi dizastrusi ghall-kontraenti stante li *"revocare una convenzione significa annientarla retroattivamente come se non fosse mai stata" [Marcade]*[Art.1066]. Ghalhekk anke fil-kaz ta' sponsali jehtieg li l-kawza tar-reziliment tkun gravi u ingustifikata.[7]

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti tosserva li ghalkemm iz-zewg partijiet sostnew li kien hemm okkazzjoni ta' infedelta' fil-konfront ta' xulxin, mill-provi ma rrizultax sodisfacentment la li l-attur kien fil-fatt infidil lejn il-konvenuta u lanqas vice versa; u r-raguni vera li spingiet

[3] Fol.52
[4] Vol.XLVIIID.II.1042
[5] Vol.XXIX.II.656
[6] Vol.XLIID.II.105
[7] Vol.XXII.I.26

lill-konvenuta thassar ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet li hija ma kienitx kuntenta u ma kienitx daqshekk konvinta li riedet tizzewweg lill-attur. Din fil-fehma tal-Qorti ma tikkwalifikax bhala raguni gravi fis-sens fuq indikat; u ghalhekk it-thassir unilaterali tal-gherusija da parti taghha f' dan il-kaz jirrizulta ingustifikat u ghalhekk jattira r-responsabilita' ghad-danni konsegwenzjali.

*Danni*
Illi l-konsegwenzi legali ta' rezilment ingust ta' gherusija huma responsabilita' ghad-danni da parti tal-parti tal-hati jew hatja, u r-restituzzjoni tar-rigali u donazzjonijiet li din tkun irceviet fil-kors tal-gherusija. L-ewwel konsegwenza temani mid-dispost tal-Artikoli 1030 u 1125 fuq citati, filwaqt li t-tieni konsegwenza temani mid-dispost tal-Artikoli 1808 u 1809.

Illi f' materja ta' danni, f' kazijet ta' thassir ta' gherusija ghandha ssir distinzjoni bejn danni morali u danni materjali stante li dawn iz-zewg figuri guridici jemanu minn ligijiet differenti. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Vittorio Farrugia vs Angela Chircop*** *[1921]*[8] l-iskop tal-Proklama VI [illum Kap.5] huwa l-introduzzjoni ta' rimedju ghar-risariment tad-danni morali ossia *un compenso dell' ingiuria sofferta* konsegwenza tal-ksur tal-weghda taz-zwieg liema somma hija likwidabbili mill-Qorti; izda ghalkemm ghall-applikazzjoni ta' din il-ligi jehtieg li l-promessa tkun saret bil-miktub kif jiddetta l-Artikolu 1233[g] tal-Kap.12, il-mankanza ta' skrittura ma tirrendix inammissibbli azzjoni ghad-danni materjali effettivament sofferti konsegwenzjalment ghall ingiusta azione tal-kolpevoli, stante li d-dritt ghal dawn id-danni jemani minn ligi diversa.[9]

Illi fil-kaz in ezami, stante li jirrizulta pacifiku li ma hemmx il-formalita' tal-iskrittura, it-talba attrici ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni jista' jkollha validita' limitatament ghad-danni materjali li minn naha taghhom dawn ghandhom jigu provati mill-attur li qed jallegahom skond il-massima

[8] Vol.XXIV.I.945
[9] Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza ***Maria Celibe Ruggier et vs Paola Zammit pro et noe*** *[PA. 1022 Vol.XXV.II.114*

*onus probandi incumbit et qui dicit non ei qui negat*. Ghalhekk biex jirnexxu t-talbiet attrici f' dan ir-rigward, l-attur irid jipprova li hu – mhux terzi, bhal genituri tieghu – soffra danni materjali konsegwenzjali ghar-reziliment ingust. Fid-danni kontemplati fl-Artikolu 1045[1] *'va compreso soltanto ogni spese e ogni perdita di denaro e di lavoro, sofferta a beneficio tanto dello sposo quanto dei membri della sua famiglia" [Vol.XXV.II.114]*.

Fil-kaz in disamina, l-attur ma pprezenta ebda prospett u ma gab ebda prova dwar xi danni [materjali] li fl-att tac-citazzjoni tieghu allega li sofra, imma illimita ruhu ghall-prospett, pprezentat mal-affidavit tieghu li juri r-rigali li kienu nghataw lill-konvenuta fil-kors tal-gherusija u li taghhom qed jitlob ir-restituzzjoni.[10] In propositu l-Qorti tosserva li r-resistuzzjoni tar-rigali u tad-donazzjonijiet, li hija l-materja tal-hames talba attrici, hija governata b' disposizzjonijiet specifici fil-Kodici Civili u cioe' l-Artikoli 1808 u 1809, u ghalhekk mhux il-kaz li tigi konsiderata taht it-talbiet relattivi ghad-danni. Aliter li kieku qed jippretendi l-valur tar-rigali, f' liema kaz il-materja setghet tigi ezaminata taht l-aspett tad-danni. Ghaldaqstant il-Qorti tosserva, rigward it-talbiet numri 2 sa 4, li dawn ma gewx sostnuti bil-fatti u ghalhekk ma jistghux jigu milqugha.

*Restituzzjoni tar-rigali*

Din il-materja hija regolata mill-Artikoli 1808 u 1809, u l-gurisprudenza interpretattiva f' dan ir-rigward hija fis-sens li, filwaqt li r-rigali kontemplati fl-Artikolu 1808 u cioe' dawk moghtija <u>fl-okkazzjoni taz-zwieg</u> jibqghu ta' min jaghmilhom, u min jircevihom ghandu biss juzahom waqt iz-zwieg; fil-kaz tad-donazzjonijiet indikati fl-Artikolu 1809, moghtija b' kontemplazzjoni taz-zwieg, il-kelma 'donazzjoni' ghandha tiftiehm fis-sens guridiku taghha, cioe' tal-passagg tal-proprjeta' minn wiehed ghall-iehor. Izda d-donazzjoni hija subordinata ghall-fat li jsir iz-zwieg, f' liema kaz il-proprjeta' tghaddi mid-donatarju lid-donant. F' dan is-sens l-Art.1809 m' hux haga ohra hlief l-applikazzjoni tar-regola tad-dritt li jekk il-kondizzjoni ma

---

[10] Fol.22 Affidavit – para.13

ssirx minhabba l-htija tad-donanti, allura din titqies li avverat ruhha [Artikolu 1606] *[App.C **Emanuele Brincat et vs Giuseppe Borg et** [1942] Vol.XXXIB.I.270; PA **Portelli vs Grech** [1935] Vol.XXIXH.II.797]*

Illi fil-kaz in disamina kif fuq spjegat l-atturipprezenta prospett tar-rigali moghtija lill-konvenuta fil-kors tal-gherusija. Ezami ta' dan il-prospett juri li parti sostanzjali minnhom huma rigali intizi sabiex tigi fornita d-dar konjugali, u l-kumplament[11] huma donazzjonijiet li l-attur kien ta lill-konvenuta fil-kors tal-gherusija ghalkemm f' certu okkazzjonijiet specifici bhal Melied, Birthday u Valentine's day. Il-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li taccetta li l-oggetti taht il-partiti a.b.c.d.o.p qeghdin ghandha, qed issostni li l-kumplament tal-oggett indikati mill-attur taht il-partiti minn [e].sa [n] u minn [q sa z] jinsabu ghand l-attur. L-oggett taht l-partita [o] kien tahulha hu l-attur fil-birthday, filwaqt li dak taht il-partita [p] kienet xtrathom hi.[12]

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi ribadit li huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti minnu indikati jinsabu ghand l-konvenuta fuq l-istregwa tal-massima li min jallega jrid jipprova l-fatt minnu allegat. Inoltre gie osservat fil-gurisprudenza nostrana li f' kaz ta' konflitt fil-provi "l-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" *[PA [MCC] **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza 24 ta' Novembru 1966].* Di piu' anke jekk iz-zewg versjonijiet huma plawsibbli jew possibbli, huwa principju gurisprudenzjali ben affermat illi f' kaz ta' zewg versjonijiet dimetrikalment konfliggenti dan jiffavorixxi lill-konvenut in kwantu huwa dejjem l-obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu *[App.Inf. [PS] **Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et** deciza 22 Novenbru 2002]*

---

[11] Partiti a.b.c.d.s.t
[12] Affidavit Konvenuta – Fol.55 para.7

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti wara li rat l-provi in propositu, u senjatament ir-risposti tal-attur ghall-mistoqisjiet in kontro ezami, u wara li kkunsidrat ir-raguni tar-rifjut da parti tal-konvenuta li tirriestitwixxi l-oggetti tad-deheb, kif ukoll r-raguni kontenuta fl-eccezzjoni taghha ghaliex qeda tirrifjuta li tirrestitwixxi l-oggetti elenkati fil-partiti a.b.c.d, hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-konvenuta u cioe' li l-oggetti indikati fil-partiti minn [e].sa [n] u minn [q sa z] jinsabu ghand l-attur, u ghalhekk il-hames talba hija sostenibbli biss ghall-oggetti indikati fil-partiti a.b.c.d.

Illi fil-paragrafu 5 tan-nota taghha l-konvenuta eccepiet li dawn l-oggetti nghataw *"in kontemplazzjoni partikolari bhal gheluq iz-zmien u l-Milied u mhux in kontemplazzjoni ta' xi eventwali zwieg".*[13] In propositu l-Qorti tosserva li l-artikolu 1809 ma jaghmel ebda distinzjoni bazata fuq l-okkazzjoni li fihom ikunu inghataw id-donazzjoni, imma jikkomprendi r-rigali kollha li jkunu inghataw "b' kontemplazzjoni ta' zwieg." Issa ghandu jirrizulta car li r-rigali li l-gharus jghati lill-gharusa fil-kors tal-gherusija ghandhom jigu meqjusa bhala li inghataw b' kontemplazzjoni ta' zwieg u cioe' li inghataw in bazi tal-istat tal-gherusija esistenti bejniethom, u hija immaterjali l-okkazzjoni li fihom ikunu gew skambjati. Dak li hu essenzjali huwa li fil-mument tad-donazzjoni kien hemm stat ta' gherusija. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija insostenibbli legalment u fattwalment.

In fine ghandu jigi rilevat li, stante li dawn l-oggetti ma gewx esebiti, l-Qorti mhix fil-posizzjoni li tivverifika l-korrettezza jew precizjoni tad-deskrizzjoni taghhom. Dan qed jinghad ghax, filwaqt li l-oggett deskritt taht il-partita [c] gie deskritt bhala curkett "with diamonds" il-konvenuta qed issostni li l-hagar fuq ic-curkett mhumiex diamanti. L-istess japplika ghac-curkett indikat fil-partita [d] deskritt bhala "with cluster white saphires", mentri l-konvenuta qed issostni li l-hagar huma zircone u mhux saphires.

---

[13] Fol.8

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett in parte tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel u l-hames talba attrici u tiddikjara li l-gherusija esistenti bejn il-kontendenti kienet giet terminata mill-konvenuta minghajr raguni gravi u ingustament; u konsegwentement tordna lill-istess konvenuta sabiex fi zmien hamest ijiem tirrestitwixxi lill-attur l-oggetti elenkati fil-partiti a.b.c.d. fil-prospett a fol.22 u cioe' dawk deskritti mill-attur bhala [a] Seiko gold plated watch, [b] bracelet 18ct gold, [c] ring with diamonds u [d] ring with cluster white saphire. Tichad it-tieni talba, stante li ma rrizultax li giew kaggjonati danni; u ghall-istess raguni tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u tar-raba talba.

L-ispejjez tat-tieni, tielet u r-raba talba ghandhom jibqghu a kariku tal-attur, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------